Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

**Havval Gamshid**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizja; l-Avukat Generali**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

Ir-rikorrent kien appella quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar l-Immigrazzjoni wara li kienet harget ordni ta' tnehhija (Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217) fil-konfront tieghu. B'decizjoni tal-Bord tat-23 ta' April 2013 l-appell gie michud. Decizjoni li fil-motivazzjoni taghha hi identika ghal dik li nghatat mill-istess Bord fil-kaz **Abou Zidan Bassem vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** (Appell numru: 16/2013AE) u li dwaru din il-qorti tat sentenza llum.

Fir-rigward tal-fatti, tosserva:

1. Ir-rikorrent wasal Malta f'data mhux maghrufa, izda qabel Awissu 2011.
2. Fil-31 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrent ipprezenta applikazzjoni ghall-azil ghar-rikonoxximent tal-istat ta' Refugee Status skond l-Aritkolu 8 tal-Att dwar ir-Rifugjati.
3. Minn ricerka li l-awtoritajiet Maltin ghamlu, irrizulta li r-rikorrent kien fl-14 ta' Dicembru 2004 applika ghall-azil f'Cipru.
4. Saret talba li Cipru biex ir-rikorrent jintbaghat lura *ai termini* tal-Artikolu 16(1)(c) tar-Regolament 343/2003. It-talba ntlaqghet mill-awtoritajiet Ciprijotti.
5. Fis-16 ta' April 2012 l-appellant kien infurmat li kellu jitlaq minn Malta u jigi trasferit Cipru.

L-aggravju tal-appellant jaqra hekk:-

*"Illi tabilhaqq l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ma setax jiddeciedi huwa l-kwistjoni u cioe' l-applikazzjoni ta' l-azil u dana stante illi ma jirrizultax mill-Att dwar l-Immigrazzjoni illi l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ghandu l-poter illi jiddeciedi huwa tali applikazzjonijiet".*

L-appellant isostni li kien l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni li ddecieda l-kwistjoni tal-azil, u li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni kien accetta d-decizjoni minghajr ma analizza jekk l-Uffijcal Principali tal-Immigrazzjoni setax u jew kellux is-setgha li jaghmel dan. L-Ufficjali Principali tal-Immigrazzjoni m'ghandux is-setgha li jiddeciedi applikazzjoni tal-azil. Meta l-Bord ikkonkluda li l-ordni tat-tnehhija kienet harget

bhala konsegwenza tad-decizjoni tal-istess Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni fuq l-applikazzjoni tal-azil, decizjoni li kienet ultra vires. Ghalhekk il-Bord kellu jhassar id-decizjoni tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni. Madankollu l-Bord qies li d-decizjoni tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni kienet legittima.

L-appellati wiegbu[1] li m'huwiex minnu li l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni kien iddecieda l-applikazzjoni ghall-azil. Kif l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sar jaf bl-applikazzjoni ghall-azil, kellu bilfors jigbor taghrif dwar ir-rikorrent. Mill-informazzjoni li gabar irrizulta li ghall-kaz kien japplika r-Regolament 343/2003, u saru l-proceduri mehtiega taht dak ir-Regolament. Il-kwistjoni kienet sempliciment liema pajjiz kellu jezamina l-applikazzjoni ta' azil tal-appellant, li skond l-istess Regolament hu Cipru.

Il-qorti rat l-atti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

Dwar il-meritu il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, qal:

*"…… ghandu jigi rilevat illi mhux kontestat li skont ir-Regolament f'dawn ic-cirkostanzi partikolari l-Istat ta' Malta seta' jaghzel li jiddeciedi l-applikazzjoni hu. Pero huwa fatt illi mhux obbligat li jaghzel li jiddeciedi hu applikazzjonijiet meta l-appellant ikun inghata visa minn Stat Membru iehor.*

*Effettivament jirrizulta li c-Central Immigration Office ta' Malta iddecidiet illi skond l-istess Regolament gia citat billi l-applikazzjoni kienet saret Cipru ttiehdet decizjoni li kien Cipru u mhux Malta li kellu jiddeciedi l-applikazzjoni. Ma jirrizultax illi c-Central Immigration Office ta' Malta naqset b'xi mod bi hsara ghad-drittijiet tal-appellant, ittiehdet decizjoni li skont l-imsemmija regolament 243/2003 kien l-Istat ta' Cipru li kellu jiddeciedi l-applikazzjoni….*

*In vista tal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula billi meta nghata l-imsemmija Ordni c-Central Immigration Office kien diga' ddecieda l-kwistjoni cioe' li l-applikazzjoni tal-azil tal-appellant kellha tigi deciza minn Cipru skond id-Dublin Convention, billi rrizulta li l-appellant kellu jinghata visa mis-Slovakja qabel ma applika ghall-azil f'Malta ma jistax jinghad kif qed jallega l-appellant li l-Ordni tat-Tnehhija kontestata kienet intempestiva".*

Skond ir-Regolament 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003[2], hu biss stat membru wiehed li hu responsabbli li jezamina u jiddeciedi dwar applikazzjoni ghall-azil. Jirrizulta li a bazi tal-Artikolu 16(1)(c) tar-Regolament, Malta talbet lil Cipru sabiex tikkunsidra u tiddeciedi dwar l-applikazzjoni ghall-azil li pprezenta r-rikorrent. Malta kellha kull dritt

[1] Twegiba prezentata fit-30 ta' Mejju 2013 (fol. 6).
[2] *Li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkanizmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jezamina applikazzjoni ghall-azil iddepozitata f'wiehed mill-Istati Membri minn cittadin ta' pajjiz terz.*

li taghmel din it-talba gialadarba r-rikorrent kien inghata Visa mis-Slovakja inqas minn sitt xhur qabel applika ghall-azil f'Malta. Ir-regolament jipprovdi:

*"1. L-Istat Membru responsabbli biex jezamina applikazzjoni ghall-azil taht dan ir-Regolament ghandu jkun obbligat….*

*(c) jiehu lura taht il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 20, applikant li l-applikazzjoni tieghu tkun taht ezami u li jkun fit-territorju ta' Stat Membru iehor minghajr permess".*

Jirrizulta li Ciprvu accettat it-talba ta' Malta u b'avviz tas-27 ta' Marzu 2012 jidher li accettat it-talba.

Gialadarba saret din id-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet Ciprijotti, Malta ma baqghetx il-pajjiz li kellu jiddeciedi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' azil li pprezenta r-rikorrent. Kuntrarjament ghal dak jallega r-rikorrent, bil-hrug ta' ordni ta' tnehhija l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ma kienx qieghed jiddeciedi l-applikazzjoni tal-azil.

Jidher li dak li nghad fis-sentenza fuq citata, japplika wkoll ghal dan il-kaz. F'dik is-sentenza l-qorti qalet:

*"Il-problema li hemm f'dan il-kaz hu li minn meta s-Slovakja ddikjarat li ser tikkunsidra u tiddeciedi dwar l-applikazzjoni tal-azil, ghaddew kwazi erba' snin. Skond l-Artikolu 19(3) it-trasferiment tar-rikorrent ghall-Istat Membru responsabbli ghandu jsir mhux iktar tard minn sitt xhur "…. mill-accettazzjoni tat-talba li jittiehed inkarigu jew mid-decizjoni fuq appell jew revizjoni fejn ikun hemm effett sospensiv". Ma saret l-ebda riferenza ghall-provvediment tal-ligi li l-appell ghandu effett sospensiv, u f'kull kaz skond l-Artikolu 19(2) l-appell ma jissospendix l-implimentazzjoni tat-trasferiment sakemm ma jkunx hemm ordni tal-qorti jew awtorita' kompetenti. Mela fil-kaz taghna t-trasferiment kellu jsir fi zmien sitt (6) xhur mill-accettazzjoni tat-talba mis-Slovakja, u cjoe' 30 ta' April 2012. Imbaghad skond l-Artikolu 19(4) tal-istess Regolament:-*

*"4.* ***Fejn it-trasferiment ma jsirx fil-limitu ta' żmien ta' sitt xhur, ir-responsabbilta tkun ta' l-Istat Membru li għandu l-applikazzjoni għall-ażil tkun iddepożitata****. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna tfittex l-ażil jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna tfittex l-ażil tkun ħarbet".*

*M'hemmx prova li t-terminu ta' sitt xhur kien gie estiz u f'kull kaz ghaddew iktar minn tmintax-il xahar. Dan ifisser li d-dikjarazzjoni tas-Slovakja m'ghadhiex tghodd u l-applikazzjoni ta' azil trid tigi determinata f'Malta gialadarba giet prezentata f'Malta. M'hemmx prova li l-applikazzjoni tal-azil kienet giet determinata f'Malta. Skond regolament 5 tar-Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li jfittxu l-Azil (Ligi Sussidjarja 420.06):*

*"(1) Il-Kummissarju għandu jara li, fi żmien tliet ijiem minn meta tiġi pprężentata l-applikazzjoni, l-applikant għandu jingħata dokument li jinħareġ f'ismu li jkun ċertifikat ta' l-istatus tiegħu bħala persuna li jkun ċertifikat li tfittex asil jew attestat li* ***jkollu permess joqgħod Malta waqt li l-applikazzjoni tiegħu tkun għadha pendenti jew tkun għadha qegħda tiġi eżaminata****".*

*Ghalhekk applikazzjoni ghall-azil tissarraf fid-dritt li l-applikant jibqa' f'Malta sakemm l-applikazzjoni tkun ghadha pendenti. Regolament li jirrifletti dak li jipprovdi l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2013/32/EU tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta' Gunju 2013 [on common procedures for granting and withdrawing international protection (recast)]*.

*In vista ta' dak li nghad hawn fuq, gialadarba l-applikazzjoni ghall-azil trid tigi determinata minn Malta, ir-rikorrent ghandu jedd li jibqa' Malta sakemm tkun pendenti l-applikazzjoni. Ghalhekk l-ordni ta' tnehhija ma tistax tibqa' in vigore diment li l-applikazzjoni tal-azil tibqa' pendenti*".

Ghalhekk:-

(i) L-appellant kellu jigi trasferit Cipru sa zmien sitt xhur mill-accettazzjoni tat-talba. Fil-kaz in ezami d-data hi 27 ta' Marzu 2012. M'hemmx provi li kien hemm ordni ta' sospensjoni tal-implimentazzjoni tat-trasferiment fit-termini tal-Artikolu 19(2) tal-istess Regolament.
(ii) Skond l-Artikolu 19(4), ladarba t-trasferiment ma sarx fl-imsemmi terminu, *"…. ir-responsabbilta tkun ta' l-Istat Membru li ghandu l-applikazzjoni ghall-azil tkun depozitata"*. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm ic-cirkostanzi li jissemmew fl-istess paragrafu li jwasslu ghall-estensjoni taz-zmien ta' trasferiment.

In vista ta' dan l-izvilupp l-applikazzjoni ghall-azil li pprezenta r-rikorrent ghandha tigi deciza f'Malta.

**Ghal dawn il-motivi in vista ta' dan l-izvilupp wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni tat-23 ta' April 2013, thassar id-decizjoni tal-Bord u tiddikjara li gialadarba hemm applikazzjoni ta' azil li giet depozitata f'Malta u li trid tigi determinata f'Malta, l-ordni ta' tnehhija tat-30 ta' April 2012 m'ghadhiex tghodd u ghalhekk thassar l-istess. Dan ovvjament bla pregudizzju li terga' tinhareg ordni ta' tnehhija ohra skond ic-cirkostanzi. Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.